# ITTRA PASTORALI

*(verżjoni qasira)*

TAL-**E.T. MONS MARIO GRECH**
ISQOF TA' GĦAWDEX
FL-OKKAŻJONI
TAL-FESTA TA' MARIJA MTELLGĦA S-SEMA
2013



# Knisja qrib il-morda

*Amoris* (għerf tal-Imħabba). Hekk huwa tefa' dawl ġdid fuq il-misteru tat-tbatija. Kif jikteb il-Papa Franġisku fl-ewwel enċiklika tiegħu, "li temmen ma jfissirx biss li tħares lejn Ġesù, imma jfisser ukoll li tara l-affarijiet kif kien jarahom Ġesù, bl-għajnejn tiegħu." (*Lumen Fidei,* 18). Għalhekk, aħna li nemmnu, jeħtieġ ukoll li nħarsu lejn it-tbatija bl-istess viżjoni li kellu l-Imgħallem Divin.

Misjuq mill-imħabba, il-bniedem sofferenti jista' jingħaqad mas-Salib tal-Feddej u hekk it-tbatija tiegħu tkun att ta' mħabba lejn Ġesù u lejn il-bnedmin. Tkun tassew grazzja kbira jekk bħal Missierna Pawlu naslu biex ngħidu: "Jien nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (1 Kol 1,24). B'dan il-mod it-tbatija umana, imdawla mill-Kurċifiss, issir riżorsa li taf tibdel l-istorja ta' ħafna.

## Akkumpanjament spiritwali tal-morda

Is-sodda tal-mard hija altar mhux biss għaliex fuqu ssir l-offerta tagħna nfusna flimkien ma' Kristu lil Alla, imma wkoll għaliex madwarha tiġi ċċelebrata l-liturġija – bħal meta nwasslu l-Ewkaristija lill-marid, meta nagħtu s-sagrament tad-Dilka tal-Morda, jew meta flimkien mal-marid jew f'ismu nsejħu l-għajnuna ta' Alla u l-Qaddisin bit-talb. L-esperjenza tgħallimna li meta l-affarijiet isiru bil-qies, it-talb mal-marid u għall-marid huwa akkumpanjament apprezzat ħafna mill-morda.

## Proposti pastorali

Fid-dawl ta' dan kollu hija xewqa tiegħi li fid-djoċesi nieħdu b'aktar impenn il-pastorali mal-morda. Fil-ġimgħat li ġejjin sejjer naħtar Delegat tiegħi li jkun responsabbli minn dan il-qasam. Nixtieq li "Jum il-Morda" li l-Knisja tiċċelebra ta' kull sena jkun valorizzat aktar. Bħalissa qed naħdmu fuq riforma tas-servizzi pastorali li noffru fl-isptarijiet tagħna. Għalija l-Isptar Ġenerali tagħna huwa parroċċa oħra, distinta mill-parroċċi l-oħrajn minħabba s-sensittività tal-esperjenzi umani u spiritwali li joffri.

Nistieden lill-komunitajiet parrokkjali biex isaħħu l-ħidmiet li diġà qed isiru b'risq il-morda u jieħdu aktar inizjattivi f'dan il-qasam biex il-Knisja tkun verament qrib kemm tal-bniedem sofferenti kif ukoll tal-familji fejn hemm il-mard. Nirrikkmanda lill-*Caritas* parrokkjali biex turi solidarjetà ma' dawn il-persuni, filwaqt li b'mod skrupluż tibqa' mħarsa l-kunfidenzjalità ta' dawn il-każijiet. Nitlob li l-parroċċi jistudjaw kif jistgħu jgħinu ħalli l-proposta tal-*parish nursing* titħaddem b'risq il-morda tagħna.

## L-interċessjoni tal-Madonna

Il-festa ta' Santa Marija tfakkarna li dan il-ġisem tagħna għalkemm marradi għandu valur etern, tant li Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Imma l-Assunta hija wkoll l-Addolorata – dik il-mara li b'ħafna mħabba waqfet ma' Binha fuq is-salib u farrġitu fit-tbatija ħarxa tiegħu. Billi Marija kellha l-esperjenza tal-mard u l-mewt, tifhem lilna meta ngħaddu minn mumenti iebsin bħal dawn. Marija, *Saħħa tal-Morda,* timliena bil-kuraġġ biex ngħixu l-esperjenza tal-mard fid-dawl tal-Bxara t-tajba.

Bl-intercessjoni tal-Assunta u ta' San Ġużepp, patrun tal-agonizzanti, nitlob il-barka ta' Alla fuqkom, partikularment fuq il-morda u l-anzjani tagħna u fuq dawk li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa.

**✠ Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex

**Mons. Salv Debrincat**
Kanċillier

# ITTRA PASTORALI

*(verżjoni qasira)*

TAL-**E.T. MONS MARIO GRECH**
ISQOF TA' GĦAWDEX
FL-OKKAŻJONI
TAL-FESTA TA' MARIJA MTELLGĦA S-SEMA
2013



# Knisja qrib il-morda

li għal tmienja u tletin sena dam jistenna biex xi ħadd jgħinu jinżel fil-menqgħa ta' Beteżda, sakemm wasal Ġesù u wasslu għall-fejqan (ara Ġw 5,1-9).

Ħadd ma għandu jiġi mċaħħad mill-kura li jkollu bżonn. Huwa fatt pożittiv ħafna li f'pajjiżna l-Istat joffri s-servizz mediku bla ħlas; imma ġie li jiġri li jkun hemm min jabbuża minn din is-sistema. Huwa nuqqas morali gravi li wieħed jieħu mediċina b'xejn mill-isptar biex imbagħad ma jużahiex jew jgħaddiha lil ħaddieħor. Jonqos ukoll minn mingħajr ħtieġa jinqeda bis-servizzi tas-saħħa li joffru l-isptarijiet u l-kliniċi. Meta jiġri dan, inkunu qegħdin inċaħħdu mis-servizz lil min verament jeħtieġu. Wieħed irid ikun tassew bla kuxjenza jekk is-servizzi fil-qasam tas-saħħa jkollhom riħa ta' kummerċ. Huwa serq gravi meta, biex jistgħana, wieħed japprofitta finanzjarjament mill-mard tal-persuna. Filwaqt li wieħed jirrikonoxxi li huma ħafna dawk fil-professjoni medika li, b'sagrifiċċju personali u familjari joffru s-servizz tagħhom anke b'mod gratuwitu, però dan ma jfissirx li hija assenti għal kollox it-tentazzjoni li nagħmlu "suq" mill-qasam tas-saħħa.

## Kura b'wiċċ uman

Daqskemm hija importanti l-kura medika (*cure*), daqshekk ieħor jew aktar hija meħtieġa l-kura affettiva (*care*). Il-marid, anke meta l-fiżiku tiegħu jitlef il-ġmiel u s-saħħa, jibqa' jgawdi rispett għax huwa l-ġisem ta' persuna umana li qatt ma titlef id-dinjita' tagħha; anzi, aktar ma jitlef l-awtonomija aktar għandu jkun irrispettat u meqjum. Gwaj meta lill-marid nibagħtulu messaġġ li, minħabba l-kundizzjoni tiegħu, irridu "neħilsu" minnu. Kura b'wiċċ uman timplika aktar sensibbiltà lejn il-marid, aktar preżenża miegħu, aktar ġenerożitá u empatija.

## Sfruttament tal-morda

Aktar ma l-persuna marida jew anzjana ssir fiżikament u psikoloġikament fraġli u dipendenti, aktar għandha tkun protetta minn kull għamla ta' abbuż jew kundizjonament. Ma nistgħux nilagħbu mar-rieda tagħhom u kull prassi manipulattiva f'dan il-kuntest tmur kontra l-karità u l-ġustizzja. Il-kilba għall-ġid tista' tkun tentazzjoni biex wieħed jinfluwenza persuni anzjani u morda biex ibiddlu r-rieda testamentarja tagħhom. Dak li huwa legalment validu, mhux dejjem huwa moralment tajjeb.

Huwa dritt tal-marid li ma jitħalliex waħdu f'dan il-waqt tal-prova, aktar u aktar meta jkun riesaq għall-mewt. Tkun tassew mewt diżumana jekk persuna titħalla tmut waħidha. Kull bniedem għandu dritt li jkollu mewta li tixraq lid-dinjità umana tiegħu. Din id-dinjità titlob li, wara li jmut, il-ġisem mejjet tiegħu għandu jiġi trattat bir-rispett dovut.

## Edukazzjoni tal-qalb

Għalhekk kull riforma tas-sistema sanitarja titlob mhux biss bidla tal-istrutturi jew tal-istrumenti teknoloġiċi, imma l-bidla tal-qalb tal-operaturi sanitarji. Il-professjoni medika titlob kemm formazzjoni akkademika u kemm edukazzjoni tal-qalb li tħobb lill-pazjenti.

## Il-mard iqanqal mistoqsijiet kbar

Kulma jmur is-soċjetà tagħna qed tissaħħar mid-dija ta' dak li huwa materjali u togħxa wara dak li jagħti sodisfazzjon immedjat. Din ix-xorta ta' soċjetà tħossha skomda quddiem it-tbatija u għalhekk tipprova taħbiha. Imma meta nostru t-tbatija, aħna sempliċament inkunu npoġġuha fuq xkaffa. Għalkemm ma tibqax quddiem għajnejna, it-tbatija tibqa' hemm u taqlgħalna mistoqsijiet gravi, tant li ma nistagħġbux li jkun hemm min jistaqsi: *"Jekk Alla jeżisti, għaliex hawn it-tbatija?"* (Santu Wistin).

## Il-mard mill-għajnejn tal-fidi

F'din is-sitwazzjoni l-marid ikollu bżonn li nwasslulu d-dawl li toffri dik li Edith Stein issejjaħ *scientia crucis* (għerf tas-salib) li jgħallimna Kristu Msallab. Flok prietka sabiħa biex ifisser x'inhi t-tbatija, Ġesu "tgħallem minn dak li huwa bata xi tfisser l-ubbidjenza, u billi laħaq il-perfezzjoni" (Lhud 5,8-9) sar il-Feddej tal-umanità. Ġesù bata ħafna għax ħabb ħafna, tant li dik li sejjaħna *scientia crucis* issir *scientia*

# ITTRA PASTORALI

*(verżjoni qasira)*

TAL-**E.T. MONS MARIO GRECH**
ISQOF TA' GĦAWDEX
FL-OKKAŻJONI
TAL-FESTA TA' MARIJA MTELLGĦA S-SEMA
2013



# Knisja qrib il-morda

**Jekk il-ġid materjali jagħżel lill-bnedmin minn xulxin, għax ikun hemm min għandu geddumu fix-xgħir u min ma għandux għaxja ta' lejla, it-tbatija tqegħidna lkoll f'keffa waħda. Il-mard huwa waħda mill-għamliet tat-tbatija li tgħakkes lill-bniedem, partikularment il-mard li ma hemmx fejqan għalih u dak kroniku.**

## Persuni li huma qrib tal-bniedem marid

Fil-ministeru tiegħi bħala ragħaj tagħkom niltaqa' ma' ħafna morda jew familjari tagħhom li jitolbuni biex nitlob għalihom. Barra l-morda fl-isptarijiet, hemm oħrajn kważi moħbija fis-satra ta' djarhom. Spiss ninduna li fejn hemm persuna magħdura minħabba l-mard, il-familja kollha magħkusa.

F'qalbi għandi wkoll lil dawk kollha li joffru s-servizz tagħhom fil-qasam tas-saħħa: tobba, infermiera, staff tal-isptar u l-bqija. Ta' sodisfazzjon kbir għalija l-ħidma ta' Mons. Manwel Curmi f"Dar l-Arka" li tilqa' fiha persuni b'diżabbiltà.

Niftakar ukoll fil-kappillani tal-isptar, f'dawk is-saċerdoti, reliġjużi u lajċi li b'mod ġeneruż jagħmlu żjarat lill-morda. Bis-servizz li joffru fil-komunità parrokkjali u fl-istituzzjonijiet fejn hemm il-morda u l-anzjani, dawn jimitaw is-Samaritan it-Tajjeb li jinfaxxa l-ġrieħi tal-marid u jgħinu fil-proċess tal-fejqan. Ninsab grat ukoll lejn dawk il-familjari tal-morda li jagħmlu minn kollox biex ma jħallux nieqsa lill-għeżież tagħhom mill-kura u l-għożża meħtieġa.

## It-taqbida interjuri tal-marid

Il-marid, partikularment min għandu mard serju, jgħaddi mill-mumenti tal-"agunija". Il-kelma "agunija" ġejja mill-kelma Griega *"agone"* li tfisser taqbida. Il-bniedem marid, aktar u aktar meta l-mard ikun daħal 'il-ġewwa, ikollu *taqbida fiżika* għax jipprova jiġġieled kontra l-marda; ikollu *taqbida emozzjonali* għaliex jibda jħoss li ser ikollu jinfatam minn dak kollu li jkun rabat qalbu miegħu, partikularment minn dawk li jħobb; imbagħad ikollu wkoll *taqbida spiritwali* għaliex jibda jagħmel ċerti mistoqsijiet dwar x'sens fiha t-tbatija, x'tifsira għandha l-ħajja li tkun ser tintemm u oħrajn. L-istess mistoqsijiet eżistenzjali jinbtu fil-qalb ta' dawk li jkunu qrib il-bniedem li jbati.

## Il-Knisja hi qrib il-marid

Quddiem din il-karba tal-bniedem il-Knisja ma tistax tibqa' indifferenti. Meta nqis kemm din l-esperjenza tal-mard tolqot tant persuni u tista' tagħtihom skoss qawwi; meta nqis kemm nistgħu ntaffu minn din it-tbatija jekk nagħrfu nkunu responsabbli u aktar attenti quddiem din ir-realtà, ħassejt li naqsam magħkom dawn ir-riflessjonijiet u proposti bit-tama li jkollna tiġdid fil-pastorali mal-morda. Fuq kollox Ġesù nnifsu kellu mħabba preferenzjali lejn il-morda. Fl-Evanġelju niltaqgħu ma' għadd ta' ġrajjiet fejn Ġesu "fejjaq lil dawk li kienu jeħtieġu fejqan" (Lq 9,11). Lill-Appostli huwa "bagħathom ixandru s-Saltna ta' Alla u jfejqu l-morda" (Lq 9,2).

## Il-mediċina u x-xjenza għas-servizz tal-bniedem

Ma nistgħux ma nkunux rikonoxxenti quddiem il-kisbiet li għamlu l-mediċina u x-xjenza biex jipprovdu fejqan mill-mard. Insellem lil dawk li jistudjaw fil-qasam tar-riċerka għaliex is-sejbiet li jagħmlu jgħinu ħafna biex tittaffa t-tbatija. Huwa dmir tagħna li niddefendu l-ħajja u ntjebu l-kundizzjoni tagħha; imma ma nistgħux ma nammettux li hemm limitu f'dak li nistgħu nagħmlu. Meta l-mediċina jew ix-xjenza jagħtu tamiet vojta, dawn jistgħu jkollhom effett kuntrarju fuq il-psikoloġija tal-marid, u hekk flok ma jkunu ta' għajnuna, ikattrulu d-dwejjaq u l-frustrazzjoni.

## Appell għar-responsabilita'

Illum il-ġurnata huwa aċċettat li kull bniedem għandu d-dritt għall-kura. Imma spiss jiġri li d-drittijiet tad-dgħajfin isiru drittijiet dgħajfin għaliex, filwaqt li jkunu miktuba f'dokumenti, min hu dgħajjef u ma għandux mezzi, kuntatti jew kapaċità biex jikseb dak li bi dritt huwa tiegħu, ħafna drabi jsir jixbah lil dak il-marid